**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NUMRU: 2731**

Kaz Nru: 3677/JD

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Kevin Agius (ID No: 352184M)

u

Malta Freeport Terminals Limited

*dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**<u>Chairman: Is-Sur Joseph Delia BA(Hons)(Econ), FIPD</u>**

**<u>Illum il-Hamis 6 ta' Mejju, 2021</u>**

**Ir-Rikors**

Ir-Rikorrent, is-Sur Kevin Agius, gie ccertifikat medikament illi x-xoghol illi kien qed jaghmel mas-Socjeta` Ntimata (jitla' fuq *Quay cranes*) ma baqax ighodd ghall-kundizzjoni medika li r-Rikorrent beda jgarrab izda kien jista' jahdem fuq *RTG crane*.

Fir-Rikors tieghu, li wasal ghand it-Tribunal fis-27 ta' Awwissu 2018, talab lit-Tribunal jiddikjara u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu minn mas-Socjeta` kienet ingusta u li jaghti l-provvedimenti kollha opportuni f'dar-rigward *ai termini* tal-Artiklu 81 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta nkluz illi r-Rikorrent jigi re-integrat f'xogholu u jithallas kumpens gust.

Ir-Rikorrent kien impjegat mas-Socjeta` bhala *equipment* operator ghal kwazi ghaxar snin, u l-kondotta tieghu fuq il-post tax-xoghol dejjem kienet tajba.

Meta tkecca mill-impjieg (fl-10 ta' Awwissu 2018) kellu erbgha u tletin (34) sena.

It-tkeccija saret minhabba l-kundizzjoni tar-Rikorrent li kienet tillimitalu l-adempjiment tieghu mal-htiega tas-Socjeta` li jkun *multi-skilled*.

Il-*Psych Progress Note* tas-7 ta' Awwissu 2018 (Dok. A tar-Rikorrent) tghid illi ma kienx hemm indikazzjoni illi l-kundizzjoni tar-Rikorrent se tinbidel.

**Dikjarazzjoni tal-Kaz tas-Socjeta` Ntimata**

Ir-Rikorrent dahal mas-Socjeta` fl-1 ta' Dicembru 2008, bhala *Equipment Operator/Driver/Clerk (Multiskilled).*

Disa' snin wara nghata post bhala *Equipment Operator F1/Deckman,* bi prova ghal sitt xhur.

Wara erba' xhur f'dil-kariga beda jhossu stordut. Kellu hames episodji ta' sturdament li matulhom kien taht osservanza medika.

Il-*multiskilling* hija l-*policy* tas-Socjeta` li tippromwovi lill-haddiema minn grad ghall-iehor biex tassigura operat efficjenti bbazat fuq il-flessibbilta`.

Is-Socjeta`,li thaddem 800 ruh, tgawdi l-fama bhala t-tielet l-aqwa port fil-Mediterran.

Is-Socjeta` ma tistax tagevola lil kull min ma jistax ikun *multiskilled* minghajr ma xxekkel l-operat efficjenti taghha, b'detriment ghall-ghixien tal-impjegati taghha.

Ghalhekk l-impjieg tas-Sur Agius kellu jkun mitmum u ma ghandux jerga' jidhol jahdem mas-Socjeta`.

**Kunsiderazzjonijiet**

Il-kuntratt tal-impjieg[1] jezigi lill-impjegat illi, "*You will … be expected to carry out all reasonable instructions given to you by any person authorized to do so by the Company. You are expected to carry out any function within or below that Grade in accordance with the Company's multiskilling policy. Refusal without reasonable cause may result in the termination of your employment.*"

It-Tribunal jikkunsidra l-interpretazzjoni tal-kelma "*refusal*" fil-wisgha taghha biex tinkludi kaz li fih l-impjegat ma jaccettax illi jiccaqlaq mill-Grad tieghu minhabba kundizzjoni medika/psikologika. Il-kuntest illi fih hija wzata l-kelma "*refusal*" fil-kuntratt tal-impjieg tar-Rikorrent, ghat-Tribunal tfisser kwalunkwe raguni li gejja min-naha tal-impjegat illi minhabba fiha ma jsirx ix-xoghol mixtieq minnu/minnha, inkluz flessibilita` bejn il-Gradi.

It-Tribunal jikkunsidra wkoll illi kundizzjoni medika/psikologika mhux dejjem tista' tkun meqjusa bhala kawza ragonevoli. Jekk tali kawza jkollha riperkussjoni tali li tigi kkwotata minn impjegati ohra tas-Socjeta` bhala precedent bir-rizultat illi l-kawza tirrepeti ruhha fost impjegati ohra b'dannu ghall-operat efficjenti tas-Socjeta`, allura kundizzjoni medika/psikologika ma tibqax kawza ragonevoli.[2]

[1] Dok. A tas-Socjeta`
[2] It-Tribunal josserva li r-Rikorrent ma gabx prova tal-incident illi seta` kkawzalu s-*situational phobia*.

Mela skont il-kuntratt tal-impjieg tar-Rikorrent is-Socjeta` setghet titterminalu l-impjieg.

It-Tribunal pero` ma jistax jaqbel mal-mod kif is-Socjeta` agixxiet fit-trattament tal-kaz tar-Rikorrent.

Iz-zmien ta' prova tar-Rikorrent bhala Equipment Operator F1/Deckman kellu jiskadi nhar is-26 ta' Mejju 2018.[3]

L-episodji ta' sturdament u nawsja bdew fid-9 ta' April 2018 u r-*Referring Nurse* tas-Socjeta` rrifera/rriferiet lir-Rikorrent lic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid.[4] Dal-episodju ta' sturdament raga' sehh fil-11 ta' Mejju 2018, izda did-darba kien qed johroglu l-gharaq, gharraf lir-*Referring Nurse* tas-Socjeta` li hassu jistordi anki bilqieghda u kien diga` qed jiehu medicina ghall-isturdament. Ir-*Referring Nurse* tas-Socjeta`, is-Sur Roderick Gatt, baghtu l-isptar. Fil-21 ta' Mejju 2018 ir-*Referring Nurse* tas-Socjeta`, Ms Daphne Busuttil, baghtet lir-Rikorrent l-isptar bl-ambulanza peress illi kien qed ihoss ugigh f'sidru u kien qed ihoss ukoll nuqqas ta' kontroll fi drieghu, u anki hawn kien ghadu jiehu l-medicina ghall-isturdament. Fit-22 ta' Mejju 2018 it-tabib tas-Socjeta`, Dr Pierre Chircop, iccertifika lir-Rikorrent li waqt illi jkun jopera l-*Quay Cranes* kien qed ibati minn sturdament, kien johroglu l-gharaq, u jkollu palpitazzjonijiet u ugigh f'sidru, u minhabba f'hekk iccertifikah ghal tlett ijiem.

Fil-25 ta' Mejju 2018 ir-Rikorrent kien iccertifikat minhabba sturdament u fl-istess gurnata giet iffirmata l-konferma tar-Rikorrent fil-post ta' *operator* tal-*Quay Cranes*.

Ir-Rikorrent xehed illi meta kien imsejjah biex jiffirma l-konferma fil-pozizzjoni ta' F1 huwa kien spjega lis-Socjeta`, "… li bhalissa ghandi problemi u mhux qed insuqu u qed nidhol u nerga' nohrog … ghax qed ituni l-problemi u qalli, 'Iffirmah xorta; ikun lest'. U ffirmajtu jiena."[5]

Mela, **waqt illi r-Rikorrent kien ghadu fil-perjodu ta' prova**, **is-Socjeta` kienet taf**[6] illi l-kundizzjoni ta' sahhet ir-Rikorrent ma kenitx kompatibbli mal-hiliet mitluba biex jithaddmu l-*QC's* izda xorta kkonvinciet lir-Rikorrent jikkonferma ruhu fil-kariga u tali konferma saret lejlet illi kellu jiskadi l-perjodu

---

[3] It-tieni parti tad-Dok. A tas-Socjeta` hija l-ittra ta' promozzjoni bi prova, ghal *Equipment Operator F1/Deckman*

[4] Dok. B tas-Socjeta`

[5] Pagna 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-16 ta' Jannar 2020

[6] Apparti l-Clinic Referral Forms tas-Socjeta` datati 9.4.2018, 11.5.2018, 21.5.2018, is-Socjeta` kellha wkoll certifikat tat-tabib taghha li ta' erbat ijiem *leave* ghall-mard lir-Rikorrent waqt iz-zmien ta' prova minhabba "*dizziness and sweaty with palpitations and chest tightness when operating Quay Cranes on and off with no premonitions*" u *vertigo* – Dok. B tas-Socjeta`

ta' prova!  Imbaghad is-Socjeta`ippruvat tiggustifika t-tkeccija tar-Rikorrent billi tghid illi hija ma tikkunsidrax il-possibilita` li min ikun F1 jirritorna fi gradi izjed baxxi.

Jekk dik hija l-*policy*, allura s-Socjeta` ma messhiex tikkonferma lir-Rikorrent fil-grad ta' F1 meta huwa kien fuq perjodu ta' prova.  It-Tribunal ma jistax jaccetta l-argument illi s-Socjeta` tikkonferma lir-Rikorrent fil-post ta' F1[7] meta taf illi sahhtu ma ttihx, biex imbaghad meta, wara li gie kkonfermat bhala *F1 operator*, tghid illi applikat il-*policy* li ladarba mpjegat kien ikkonfermat fi grad F1 ma setax jinzel fil-gradi ndustrijali u ghalhekk ma kellhiex alternattiva ghajr li tkeccih.

La r-Rikorrent kien qieghed fi zmien ta' prova, u ma ffinalizzax iz-zmien ta' prova b'success f'dawk illi huma kundizzjonijiet ta' sahha mehtiega ghall-adempiment tajjeb tax-xoghol fil-Grad F1is-Socjeta` kien messha ghamlet bhal ma ghamlet fil-kazi tas-Sinjuri Leonard Farrugia, u Carlos Heatherly, li dawn ma rnexxewx fit-tahrig fuq il-*QC's* u s-Socjeta` zammithom fil-grad taghhom u ma tellghethomx il-grad ta' *F1*.

Is-Socjeta` spjegat l-importanza tal-*multiskilling policy* li jekk ma tkunx osservata jkun hemm inefficjenza fit-tqassim tal-haddiema peress illi jekk ikun hemm haddiema li jirrifjutaw jew li ma jkunux jistghu jibqghu telghin fil-gradi tax-xoghol ikun hemm imblukkjar fil-gradi peress illi ma jkunx hemm postijiet battala bizzejjed biex jitharrgu haddiema minn grad ghall-iehor.[8]

It-Tribunal jifhem in-necessita` tal-*policy* pero` josserva li kellhom ighaddu ghaxar snin biex ir-Rikorrent lahaq il-livell biex ihaddem *QC*.  Jigifieri ma gietx ippruvata ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal l-urgenza kritika tal-applikazzjoni ta' tali *policy*, almenu fil-kaz tar-Rikorrent. U anki fil-kuntratt tal-impjieg, il-kundizzjoni li l-impjegat kellu jaderixxi mal-*policy* ma kenitx assoluta, tant illi l-kuntratt jezenta lill-impjegat minn tali obbligu jekk ikun hemm kawza ragonevoli.

Is-Socjeta` allegat[9] illi c-certifikat ighid illi r-Rikorrent sar ibati mill-klawstrofobija u ghalhekk ma setax jahdem fuq *cranes* u ghalhekk ma kellhiex fejn thaddmu.

It-Tribunal jirrizultalu li l-fatti huma differenti.  Ic-certifikat anzi jghid illi r-Rikorrent jista' jahdem fuq *cranes* illi ma jaghtux skossi qawwija;  jista' jahdem fuq *RTG cranes* "*since (these do) not bounce or dip*"[10].

---

[7] Dok. JC3
[8] Xiehda ta' Ms Joanna Calleja, *Human Resource Officer*, fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2018
[9] Fit-trattazzjoni finali
[10] Dok. C tas-Socjeta`

Mela r-Rikorrent baqa' *fit* biex jahdem fuq taghmir regolat mis-Socjeta`.

It-Tribunal ma jistax jifhem kif fit-trattazzjoni finali l-avukatessa li assistiet lir-Rikorrent qalet illi, "wara li nghata l-Grad ta' F1 ghaddew is-snin u ma kienx hemm problemi …"[11]

It-Tribunal jaghmilha cara li kieku ghaddew is-snin wara li nghata l-Grad ta' F1 it-Tribunal kien jikkunsidra t-tkeccija bhala wahda ghal kawza gusta peress illi t-Tribunal jaccetta t-thaddim tal-kuncett tal-katina fil-promozzjoni minn grad ghall-iehor; dan jaccettah f'gieh il-kompetittivita` li hija tant mehtiega fis-suq internazzjonali tal-operat tas-Socjeta` - u allura biex tkun assigurata kemm tista' tkun is-sostenibilita` tas-Socjeta` u l-ghixien ta' mijiet ta' familji.

Huwa proprju minhabba li r-Rikorrent kien ghadu fiz-zmien ta' prova fil-grad F1 u s-Socjeta` kienet taf illi r-Rikorrent ma kienx fi stat b'sahhtu bizzejjed biex jaghmel ix-xoghol ta' F1, u minkejja dan, is-Socjeta` kkonfermatu fil-grad F1, li t-Tribunal ma jistax jikkonferma t-tkeccija! It-Tribunal isib illi l-mod ta' kif saret il-konferma tar-Rikorrent fil-Grad F1 kien ingust! Iz-zmien ta' prova huwa proprju ghal eventwalitajiet bhal dawn fejn jirrizulta li l-impjegat ma ghandux il-hiliet kollha mehtiega biex jadempjixxi ghal kollox id-dmirijiet tieghu fil-grad il-gdid. Iz-zmien ta' prova kien ghadu ma skadiex meta s-Socjeta` saret taf illi r-Rikorrent kien qed ikollu problemi biex jaghmel xoghol ta' F1.

**Decizjoni**Fid-dawl (a) tal-kunsiderazzjonijiet illi ghamel, wara li fela r-rikors promotur, id-dikjarazzjonijiet tal-Kaz, ix-xiehda, d-dokumentazzjoni kollha mressqa lilu, u s-sottomissjonijiet taz-zewg partijiet, u (b) tat-talba tar-Rikorrent illi jkun re-integrat fl-impjieg, it-Tribunal jiddikjara u jiddeciedi li r-Rikorrent ma kellux jitkecca u li ghalhekk is-Socjeta` ghandha tirreintegra lir-Rikorrent fl-impjieg tieghu mhux aktar tard mill-1 ta' Gunju 2021 b'dan illi:

i) tqis il-perjodu 11 ta' Awwissu 2018 sa lejlet illi jkun reintegrat fl-impjieg bhala wiehed illi matulu r-Rikorrent kien fuq *leave* awtorizzat u bla hlas;

ii) il-Grad u xoghol illi fih ikun integrat ikun dak illi kien jokkupa qabel ma kien promoss ghal *Equipment Operator F1/Deckman*; jekk meta jkun reintegrat fl-impjieg ma jkunx hemm post battal fil-Grad koncernat, ir-Rikorrent ghandu jitqieghed fi Grad fejn ikun hemm post battal b'xoghol addattat ghall-kundizzjoni medika/psikologika tieghu **sakemm jinfetah l-ewwel post battal fil-Grad illi**

[11] Pagna 5 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-11 ta' Frar 2021

**kien jokkupa u fix-xoghol illi kien jaghmel qabel sar *Equipment Operator F1/Deckman*;**

iii) ir-remunerazzjoni tkun skont il-Grad illi r-Rikorrent jitqieghed fih;

iv) ghal ragunijiet ta' *length of service* ir-Rikorrent ma jitlifx mis-*seniority*.

Ghall-finijiet tal-Avviz 48 tal-1986 rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' €93.17 kull wiehed, b'dan illi l-ammont totali ta' €186.34 jithallas mis-Socjeta` Ntimata.

Ghall-iskopijiet tal-Artiklu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad illi dal-Kaz ma setax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-Ligi minhabba ragunijiet amministrattivi kif ukoll differimenti.

B'hekk jinghalaq dal-Kaz.

**(iffirmat)**

Joseph Delia

Chairman

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri

Ghas-Segretarju